MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## IAN FARRUGIA

SEDUTA TAT-30 TA' OTTUBRU, 2013

NUMRU. 504/2013

**IL-PULIZJA**
**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**MATTHEW MIZZI**
**RYAN BUGEJA**
**CODY MAX GALLI**
**ANTHONY JOHN BUGEJA**
**KARL MUSCAT**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati **Matthew Mizzi** ta' 19-il sena bin Vincent u Antonia nee' Farrugia, imwieled Pieta' fil-25/06/1993, residenti 29, Triq Spinola, San Giljan, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 287493M;

**Ryan Bugeja** ta’ 18-il sena bin John u Deborah nee’ Camilleri, imwieled Pieta’ fis-26/08/1994, residenti Blk I, Bieb B, Fl. 4, Triq Francesco Balbi, San Giljan u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 384594M;

**Cody Max Galli** ta’ 17-il sena bin Stephen Francis u Vicky sive Victoria nee’ Ebejer, imwieled l-Istati Uniti ta’ l-Amerka fis-16/12/1995, residenti 17, Milano, Triq San Girgor, Sliema u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 136096M;

**Anthony John Bugeja** ta’ 17-il sena bin John u Deborah nee’ Camilleri, imwieled Pieta’ fis-03/01/1996, residenti Blk I, Bieb B, Fl. 4, Triq Francesco Balbi, San Giljan u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 17996M;

U **Karl Muscat** ta’ 17-il sena bin Alfred u Marisa (Maria Luigia) nee’ Agius, imwieled Pieta’ fl-01/02/1996, residenti Blk G, Flt. 14, Triq Jean Houel, San Giljan u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 68096M;

Gew akkuzat talli nhar il-15 ta’ Dicembru 2012 ghall-habta ta’ l-22.00hrs gewwa Tas-Sliema;

1. ikkommettejtu serq ta’ handbag, telefon cellulari u / jew xi oggetti ohra liema serq huwa kwalifikat bil-Vjolenza, bil-Valur li ma jeccedix l-€2329.37 u bil-Hin, ghad-detriment ta’ Martha Busuttil u/jew ta’ xi persuna/i w/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebbejtu ghal Daniel Inguanez u kkagunajtulu griehi ta’ natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr. Sarah Azzopardi Med Reg 3368

Il-Qorti hija gentilment mitlubha titratta ma Karl Muscat biss bhala recidiv ta’ sentenza datata 27 ta’ Settembru 2012 moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament ;

Rat li, fl-ewwel u l-unika udjenza ta' llum 30 ta' Ottubru 2013, saret l-ammissjoni inkondizzjonata minn naha ta` l-imputati kollha anki wara li inghataw z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidraw tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur u ta` l-Avukati Difensuri;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputati irregistraw ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrijiet tal-imputati, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarahom hatja taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor, u li rrizultaw sodisfacentement quddiem din il-Qorti, li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti :

Illi nhar l-15 ta` Dicembru 2012, ghall-habta tal-ghaxra ta` filghaxija, Martha Busuttil u Daniel Inguanez kienu qeghdin fuq bank fi Gnien Indipendenza gewwa tas-Sliema. F'hin minnhom, wiehed mill-imputati, meta l-imputati kollha kienu fi grupp wiehed, hataf il-handbag ta` Martha Busuttil; ilkoll telqu jigru. Minnufih Daniel Inguanez mar jigri warajhom u meta lehaq ma Anthony John Bugeja, gew fl-idejn, u Daniel Inguanez sofra xi griehi hfief. Il-grupp maghmul mill-imputati baqghu sejrin bil-handbag b'kollox, li kien fih, fost ohrajn, xi flus u mobile phone appartenenti lil Martha Busuttil. Naturalment, wara dan l-incident, sar rapport miz-zewg vittmi u l-pulizija bidet

l-investigazzjoni taghha li eventwalment wasslet ghall-imputati li lkoll ammettew l-involviment taghhom fl-istqarrija relattiva.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali nettissima ta` kull imputat, (hlief ghal dik ta` Karl Muscat fejn kien wehel multa ta` €50), li proceduralment tfisser li l-istess imputati (hlief ghal Karl Muscat) ghandhom jitqiesu lkoll bhala *first time offenders*;
b. il-verbal tas-seduta tat-30 ta` Ottubru 2013 minn fejn jirrizulta li Daniel Inguanez ried jahfer lill-imputati u li Martha Busuttil tkun sodisfatta jekk tircievi hlas ghad-danni sofferti fis-somma ta` €250;
c. il-fatt li l-imputati kollha huma ta` eta` tenera u tlieta minnhom huma taht it-18 il-sena; l-ahwa Ryan u Anthony John Bugeja tilfu lil missierhom meta kienu ghadhom ta` eta` zghira, fatt li halla effett fuq l-imgieba taghhom, tant illi huma ghandhom l-attenzjoni ta` social worker, ukoll sabiex jindirizzaw l-problemi socjali li jiltaqghu maghhom;
d. l-ammissjoni ta` l-imputati kollha fl-ewwel udjenza (kif ukoll fl-istqarrijiet taghhom f'April 2013), li trid titqies minn din il-Qorti bhala ammissjoni bikrija li, ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f'dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza;
e. il-fatt li l-prosekuzzjoni kienet sodisfatta bil-koperazzjoni ta` l-imputati kollha waqt l-investigazzjoni, fatt li jiffacilita` x-xoghol tal-pulizija;
f. il-fatt li, ghalkemm fil-fehema ta` din il-Qorti, l-agir ta` l-imputati nhar il-15 ta` Dicembru 2012 kien wiehed certament mhux f'loku u agir li jikser il-ligi kriminali u ghaldaqstant wiehed kundannabbli, hija wkoll il-fehema ta` din il-Qorti li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, dan il-kaz jindika li kien wiehed frott il-bluha taz-zoghzija u l-inklinazzjoni ghall-avventura, xi kultant xejn kumplimentuza, li ggib maghha tali eta` zghira;

g. il-fatt li hija l-fehema soda u konvinta ta` din il-Qorti li, fic-cirkostanzi kollha ta` dan il-kaz, **l-imputati ghandhom jinghataw l-ghajnuna mehtiega u d-direzzjoni xierqa** (enfazi ta` din il-Qorti) biex kemm jista jkun is-sistema tahdem kontra l-possibilita` ta` ripetizzjoni ta` kazijiet bhal dawn.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema u li hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li s-sorveljanza tal-hatja kollha minn ufficjal tal-probation u skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi huwa mixtieq u adatt.

**Ghall-dawn il-motivi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 37, 49, 50, 214, 221, 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(b), 267, 270, 274(c)(d), 277(a), 279(a), 280(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lil Matthew Mizzi, Ryan Bugeja, Cody Max Galli, Anthony John Bugeja u Karl Muscat hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra taghhom u **tordna li jitqeghdu taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta**. In oltre, peress illi jidhrilha li huwa xieraq, tordna lil kull wiehed mill-hatja jhallas lil Martha Busuttil is-somma ta` €50, u dana ai termini ta` l-Artikolu 24 tal-Kap 446.

Il-Qorti tat lill-hatja l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 7(7) tal-Kap 446.

Il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-procediment u kopja ta' din is-Sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali fiz-

zmien moghti mill-Ligi. Komunika ta` din is-sentenza ghandha ssir ukoll lid-Direttur, *Probation and Parole*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------